**Deċiżjoni mogħtija mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-seduta 352 tad-9 ta' Ġunju 2025 dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari**

Is-Sedja tagħmel referenza għal żewġ ilmenti mqajma mill-Onor. Toni Bezzina u l-Onor. Rebekah Borg wara l-ħin tal-Mistoqsijiet Parlamentari tas-seduta 351 tal-4 ta' Ġunju 2025, u nikkwota l-ewwel lill-Onor. Toni Bezzina:

> "**ONOR. TONI BEZZINA:** Sur President, nagħmel referenza għar-risposti għall-mistoqsijiet parlamentari numri 27577, 27578, 27579, 27581 u 27582 lil diversi Ministeri. F'dawn il-mistoqsijiet parlamentari jien staqsejt x'kienet in-nefqa minn kull Ministeru permezz tal-credit card pubblika u r-risposta mogħtija lili kienet li l-ħlas isir mil-line item rispettiv kif approvati fl-estimi tal-Baġit. Jistgħu l-Ministri konċernati jgħiduli għal liema line item qegħdin jirreferu, kif ukoll mill-istima ta' kull line item x'kien l-ammont li ntnefaq permezz tal-credit cards għax-xiri ta' oġġetti jew ..."

Kif ukoll lill-Onor. Rebekah Borg kif ġej:

> "**ONOR. REBEKAH BORG:** Grazzi, Sur President. Nagħmel referenza għal mistoqsijiet parlamentari 28819, 28820, 28821, 28822 u 28823. Dawn huma ħames mistoqsijiet parlamentari li għamilthom tmien darbiet lill-Ministru Clifton Grima dwar l-iskola internazzjonali fl-Imtarfa. Kull mistoqsija hija differenti. Hemm ħamsa differenti, li għamilthom tmien darbiet u r-risposta dejjem kienet li tweġiba tingħata f'xi seduta oħra. Napprezza jekk tagħti ruling fuq dan. Grazzi."

Is-Sedja bdiet billi qieset l-ilment imqajjem mill-Onor. Toni Bezzina, u rat il-mistoqsijiet u t-tweġibiet għall-mistoqsijiet 28819, 28820, 28821, 28822 u 28823 ċitati minnu. Is-Sedja tinnota li dawn kienu tweġibiet għal mistoqsija identika li saret lil numru ta' Ministri, u ser naqra t-test għal finijiet ta' rekords:

> "[... jista' l-Ministru] jgħid kemm-il credit/debit card pubblika għandu maħruġa għall-użu tiegħu u tal-Ministeru tiegħu u min għandu l-faċilità li juża kull credit/debit card? Għal xiex tintuża kull credit/debit card u x'inhu l-limitu ta' nefqa kuljum għal kull credit/debit card? Jista' jgħid ukoll x'kienet in-nefqa minn April 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar u xi nxtara, item item, b'din il-credit/debit card?"

Is-Sedja nnotat illi fl-ewwel parti tat-tweġibiet, kull Ministru wieġeb dwar in-numru ta' Credit/Debit cards li nħarġu fid-dekasteru rispettiv, u t-tieni parti tat-tweġiba kienet imwieġba b'mod identiku minn kull ministru, u ser nikkwota:

> "Il-ħruġ ta' card jsir biss wara li jkun hemm l-approvazzjoni tal-Ministeru għall-Finanzi u l-approvazzjoni tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tiegħi, skont il-proċedura stabbilita.
>
> Inżid ngħid illi kull nefqa ssir skont u fil-parametri stabbiliti ta' kif għandhom jintużaw il-fondi pubbliċi. Il-ħlas isir mil-line item rispettiv kif approvati fl-estimi finanzjarji tal-baġit u li kopja tagħhom diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra."

Is-Sedja tirrimarka illi dan huwa punt li kellha l-opportunità tidħol fih diversi drabi. Anke jekk tifhem il-frustrazzjoni tal-Onor. Membru li jkun qiegħed jitlob dik l-informazzjoni fil-qadi tal-

mandat parlamentari tiegħu, is-Sedja dejjem għamlitha ċara illi l-Ordnijiet Permanenti ma jtuha l-ebda mansjoni sabiex tistħarreġ dwar jekk risposta mogħtija minn Ministru tal-Gvern fil-fatt tirrispondix dak li jkunu qed isaqsu l-interpellanti. Kif tispjega dejjem, il-poteri tas-Sedja huma biss fuq l-għemil ta' mistoqsijiet, u dan kif regolat mill-Ordnijiet Permanenti 26 sa 32. Min-naħa l-oħra ma hemm l-ebda regolament, la fl-Ordnijiet Permanenti u lanqas f'xi liġi, li jagħti s-setgħa lis-Sedja tidħol fit-tweġibiet li jagħżlu li jagħtu l-Ministri.

Is-Sedja, kif tagħmel meta r-regoli tal-Kamra jkunu siekta dwar xi materja, tara x'inhuma r-regoli u l-prassi tal-House of Commons tar-Renju Unit. Hawn nikkwota mill-Erskine May, li f'paragrafu 22.7 dwar 'Speaker's control of questions' jgħid illi:

> "The Speaker's responsibility for questions is limited to their compliance with the rules of the House. Responsibility in other respects rests with the Member who proposes to ask the question, and responsibility for answers rests with Ministers."

Għar-rigward tal-ilment imqajjem mill-Onor. Rebekah Borg, fejn ilmentat illi numru ta' mistoqsijiet li għamlet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni għal diversi drabi dwar l-iskola internazzjonali fl-Imtarfa (bin-numri 28819, 28820, 28821, 28822 u 28823), is-Sedja rat it-tweġibiet mogħtija għal dawn il-mistoqsijiet, u kkonstatat illi l-istess mistoqsijiet kienu fil-fatt saru diversi drabi lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni u kienu għadhom mhux imwieġba.

Is-Sedja għal darb'oħra terġa' ttenni illi hija ma għandhiex mansjoni fuq tweġibiet li jingħataw għal mistoqsijiet parlamentari magħmula lilhom. Is-Sedja, madankollu, tifhem u tagħraf l-importanza tar-rwol ta' skrutinju li għandha l-Kamra permezz tal-għemil ta' mistoqsijiet parlamentari, u għalhekk terġa' tfakkar lill-Ministri dwar l-importanza li l-mistoqsijiet parlamentari jiġu mwieġba, u dan fi żmien raġonevoli, anke jekk hemm billi l-Ministru jagħti tweġiba parzjali, bil-kumplament tal-informazzjoni tingħata f'seduta sussegwenti meta tinġabar.

Fid-dawl ta' dan is-Sedja tiġbed l-attenzjoni tal-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni għal dan ir-ruling u tħeġġu jara li l-mistoqsijiet li saret referenza għalihom mill-Onor. Rebekah Borg jiġu mwieġba.